TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 207/13-F

**Joan Calleja**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd.**

Illum 4 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija u ħamsa w sittin ewro (€365), rappreżentanti prezz ta' magna tal-ħasil.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat magna tal-ħasil *automatic top-loader* mingħand is-soċjeta' ntimata u mill-ewwel bdiet tagħtiha l-problemi, tant li wara ftit bdiet tqatta' l-ħwejjeġ. Ir-rikorrenti esebiet ukoll *animo ritirandi* xi ħwejjeġ li kellhom toqob biex tipprova dan.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi meta l-magna tal-ħasil kienet għandhom fil-fabbrika, kienet ħadmet tajjeb u fil-fatt kienu biddlu d-*drum* u l-*pulsator,* pero' r-rikorrenti xorta baqgħet tilmenta bil-problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli stante li l-ħwejjeġ xorta baqgħu jitqattgħu u ma sar l-ebda progress bit-tiswija minkejja li tbidlu l-*parts*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-magna tal-ħasil tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888